


# Mitt Sena tal-Knisja u l-Parroċċa tal-Marsa, 1913-2013

*Pawlu Dimech*

Fl-1859, fi żmien il-ħakma Ingliża taħt il-Gvernatur Le Marchant, inbeda l-proġett tal-Portu Novu fl-inħawi tax-xatt, in-naħa ta' ġewwa tal-Marsa. Dan ġab żvilupp kbir minħabba x-xogħol tax-xatt u l-iktar tal-faħam. Bdew jinbnew bosta mħażen u djar għall-familji tal-ħaddiema. Il-popolazzjoni bdiet kulma tmur tikber tant li l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace beda juri t-tħassib tiegħu għax in-nies tal-Marsa ma setgħux jaqdu l-ħtiġijiet spiritwali tagħhom tajjeb. Iż-żewg knejjes li kien hawn fil-Marsa, dik tal-Madonna tal-Grazzja (ta' Ċejlu) u l-knisja ta' Santa Marija (ta' Ċeppuna) kienu żgħar wisq għall-popolazzjoni li kienet żdiedet sewwa u l-knejjes parrokkjali li l-Marsa kienet tiddependi minnhom kienu 'l bogħod. Il-familji tal-Marsa kienu l-biċċa l-kbira familji numerużi u ħaddiema foqra li ma kellhomx mezzi biex jibnu l-knisja Parrokkjali tagħhom.

Imma m'għaddewx ħafna snin li l-Providenza ħasbet għal dan meta bil-barka tal-Arċisqof Mons. Pietro Pace, il-benefatturi Lorenzo u martu Marija Carmela Balbi mill-Belt Valletta daħlu huma biex minn flushom jibnu knisja kbira biex tkun tista' tiġi mwaqqfa l-parroċċa tal-Marsa. Intgħażlet l-art imsejħa Tal-Qwabar fi Triq is-Salib tal-Marsa biex tinbena l-knisja parrokkjali u fuq xewqa tagħhom ġiet iddedikata lit-Trinità Qaddisa. Fl-10 ta' Mejju 1909 sar il-kuntratt biex tittieħed l-art. Il-pjanta tal-knisja saret mill-Perit Giovanni Domenico Debono li għażel l-istil tar-Rinascimento semplici iżda klassiku.

Ix-xogħol inbeda fl-24 t'Awwissu 1909 mill-imgħallem Mikiel Mifsud. Fl-20 t'Ottubru 1909 saru ċ-ċerimonja u t-tberik tal-ewwel ġebla minn Mons. Dun Emanwele Vassallo D.D. bħala rappreżentant tal-Arċisqof ta' Malta. Ix-xogħol beda miexi b'ħeffa tal-għaġeb tant li x-xogħol kollu tal-knisja



*Knisja ta' Kana, fejn fiha jsiru ħafna żwiġijiet*

kien lest nhar il-25 ta' Mejju 1912. Mal-knisja l-benefatturi bnew ukoll kunvent għall-patrijiet Franġiskani Kapuċċini u ramawh bil-bżonnijiet kollha. Fit-12 ta' Diċembru 1912 inħareġ id-digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-reliġjużi li bih il-knisja tal-Marsa ġiet imnedija parroċċa mill-parroċċi tal-madwar.

Nhar is-Sibt 12 t'April 1913 Mons. Arċisqof Pietru Pace waqqaf uffiċjalment il-knisja tat-Trinità Qaddisa u l-art tal-Marsa saret Parroċċa awtonoma u maqtugħa mill-parroċċi ta' madwarha li kienu tal-Ħamrun, Ħal Qormi u Raħal Ġdid li kien għadu kemm sar parroċċa fl-1910. Is-Sibt 19 t' April 1913 saret l-inawgurazzjoni solenni. Fis-7.00 ta' filgħodu Mons. Luigi Attard, Vigarju Ġenerali, bħala delegat ta' Mons. Arċisqof, bierek l-ilma quddiem il-bieb il-kbir, intona l-*Asperges me* u beda miexi proċessjonalment mar-reliġjużi jkantaw.

L-ewwel bierek il-knisja minn barra u minn ġewwa. Inbdiet il-Litanija tal-Qaddisin u wara qaddes quddiesa li għaliha kienu preżenti l-benefatturi u fundaturi tal-knisja Lorenzo u Marija Carmela Balbi mal-poplu tal-Marsa. Filgħaxija l-Arċisqof Mons. Pietro Pace intlaqa' b'entużjażmu kbir u ngħata merħba mill-poplu numeruż fejn saret iċ-ċerimonja uffiċjali tal-inawgurazzjoni għax kien l-isqof stess li xtaq li din tibqa' bħala Monument ħaj li jfakkar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta f'April ta' dik is-sena stess.

Mons. Kanonku Dun Pawl Gauci, Segretarju Ġenerali tad-Djoċesi, tela' fuq il-pulptu u għamel diskors bil-Malti tal-okkażjoni. F'dan id-diskors wera bil-fatti kemm kienet meħtieġa din il-knisja parrokkjali għan-nies tal-Marsa waqt li faħħar il-benefatturi Balbi tal-ġenerożità tagħhom mal-poplu u li fdawha f'idejn il-patrijiet Kapuċċini. Wara ġew kantati bil-mużika tal-Prof. Surmast Antonio Nani, *O Salutaris Hostia*, *Te Deum* u *Tantum Ergo*. Saru diskorsi wkoll mis-Sinjuri, it-tabib G. F. Inglott u l-Kav. G. Muscat Azzopardi. Attendew għaċ-ċerimonja l-isqof Mons. G. M. Camillieri; isqof ta' Għawdex, Mons. Janini Ofm; Delegat Appostoliku tas-Sirja, u Mons. Sebastiano Leite de Vasconcellos; isqof ta' Beja fil-Portugal.

L-ewwel kappillan kien patri Piju Dimech; Kapuċċin mix-Xewkija Għawdex. Fit-29 t'April żar il-knisja tal-Marsa l-Eċċellenza Tiegħu l-Kardinal Domenico Ferrata; Delegat tal-Papa San Piju X li kien għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Fil-jiem ta' wara żaruha bosta isqfijiet u dinjitarji oħra. Fit-18 ta' Mejju 1913 ġiet iċċelebrata l-festa titulari u parrokkjali tat-Trinità Qaddisa. Lorenzo Balbi ġie maħtur Kavallier tal-Ordni ta' San Silvestru mill-Papa San Piju X b'digriet tat-22 ta' Mejju 1913, waqt li Marija Carmela Balbi ġiet onorata b'midalja *Pro Eclesia et Pontifice* nhar it-18 ta' Mejju 1916 mill-Papa Benedittu XV.

Dan l-avveniment li seħħ mitt sena ilu kien ġrajja kbira fl-istorja reliġjuża tagħna għaliex permezz tagħha l-art tal-Marsa u l-Marsin kisbu identità u dinjità li kienet tant mixtieqa minn missirijietna. Huwa dover tagħna bħala Marsin li, filwaqt li nfakkru dawn il-ġrajjiet storici, inkomplu naħdmu sabiex insaħħu l-Fidi tagħna fit-Trinità Qaddisa.